MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 183/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elf disa mija u disghin (1990);
2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, it-tnejn maggorenni;
3. Illi dan iz-zwieg tkisser irremedjabilment u l-partijiet kienu gew debitament awtorizzati permezz ta' digriet ta' din il-Qorti sabiex jipprocedu ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali;

4. Illi ghalhekk is-separazzjoni personali bejn il-partijiet hija regolata permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali in atti tan-Nutar Joseph Darmanin datat tnax (12) ta’ Dicembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) kopja legali hawn annessa u mmarkata Dok A;
5. Illi ma hemmx manteniment dovut li huwa pendenti;
6. Illi l-partijiet ghexu mhux flimkien ghal perjodu ta’ aktar minn erba’ snin matul l-ahhar hames snin, peress illi ilhom separati sa mit-tnax (12) ta’ Dicembru, tas-sena elfejn u tnejn (2002);
7. Illi ma hemmx possibilita’ li l-kontendenti jergghu jirrikonciljaw;
8. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66 B huma kollha rispettati, kif tirrikjedi l-ligi;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

a) Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta’ Gunju tas-sena elf disa mija u disghin (1990) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;
b) Tordna li d-digriet ta’ din il-Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi;
c) Taghti kull provvediment ulterjuri li din il-Qorti jidhrilha opportun u xieraq;

Rat ir-risposta tal-intimata, li permezz taghha ippremettiet :

Illi hi u zewgha kienu isseparaw minn xulxin nhar it-12 ta’ Dicembru 2002 permezz ta’ kuntratt in atti tan-Nutar Joseph Raphael Darmanin;

Illi skond l-imsemmi kuntratt zewgha ghandu jhallasha il-manteniment skond kif stipulat permezz ta’ l-artikolu 7a tal-imsemmi kuntratt u liema stipulazzjoni ghandha tibqa tigi onorata sal-mewt u ma tistghax b’ebda mod tigi mpunjata anqas f’kaz ta’ divorzju (artikolu 16);

Illi l-esponenti ma ghandha ebda oggezzjoni li tali divorzju jinghata purche illi l-imsemmija kundizzjonijiet patwiti fil-kuntratt ta' separazzjoni ma jkunux mittiefsa;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' April, 2013;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Dicembru 2002 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------